# REACH 2013 – Sejħa għal azzjoni

## Rappreżentanti tal-ħaddiema f'kumpaniji li jimmanifatturaw, jimportaw jew jużaw sustanzi kimiċi

**Ir-Regolament REACH** jeħtieġ ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi kollha li huma manifatturati jew importati fl-UE, fl-Islanda, fin-Norveġja jew fil-Liechtenstein fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew aktar kull sena. Jekk ma tkunx disponibbli informazzjoni dwar il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanza kimika, din għandha tiġi ġġenerata u l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà għandhom jiġu aġġornati.

Sustanzi diġà fis-suq għandhom isegwu l-iskadenzi speċifiċi tar-reġistrazzjoni, fuq il-bażi tal-volumi tagħhom u tal-perikoli għas-saħħa u għall-ambjent. Sustanzi ġodda għandhom dejjem jiġu rreġistrati qabel jitqiegħdu fis-suq.




### MIN IĦADDMEK HUWA LEST?

Kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi fl-UE fi kwantitajiet ta' **100 tunnellata metrika jew aktar kull sena** għandhom **jirreġistrawhom** sat-tieni skadenza ta' REACH tal-**31 ta' Mejju 2013.**

## Tinsiex l-iskadenzi

L-ewwel reġistrazzjoni
**it-30 ta' Novembru 2010**
≥ 1000 tunnellata metrika/sena

It-tieni reġistrazzjoni
**il-31 ta' Mejju 2013**
≥ 100 tunnellata metrika/sena

It-tielet reġistrazzjoni
**il-31 ta' Mejju 2018**
≥ 1 tunnellata metrika/sena

## X'INHUMA D-DMIRIJIET TA' MIN IHADDMEK?

Jekk il-kumpanija tiegħek qiegħda **timmanifattura jew timporta sustanza kimika** fi kwantitajiet ta' 100 tunnellata metrika jew aktar kull sena, min iħaddmek għandu:

- Jiġbor l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-karatteristiċi tas-sustanza u jikkondividiha mal-manifatturi u mal-importaturi l-oħra tal-istess sustanza għall-preparazzjoni tad-dossier ta' reġistrazzjoni;
- Juża din l-informazzjoni biex jivvaluta r-riskji għas-saħħa tal-ħaddiema u taċ-ċittadini, kif ukoll l-ambjent;
- Jidentifika l-miżuri neċessarji tal-ġestjoni tar-riskji biex jiżgura l-użu sigur tas-sustanza mill-kumpanija tiegħek u mill-klijenti tiegħek;
- Jaġġorna l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà tiegħek kif meħtieġ;
- Jippreżenta dossier ta' reġistrazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Parti minn dan id-dossier tista' tiġi ppreżentata konġuntement ma' kumpaniji oħra;
- Iħallas il-miżata għall-kompletezza tar-reġistrazzjoni.

Jekk il-kumpanija tiegħek qiegħda **tuża sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol,** iċċekkja ma' min iħaddmek jekk:

- Is-sustanzi kimiċi li inti tuża ġewx irreġistrati jew humiex maħsuba għal reġistrazzjoni fl-2013. Din l-informazzjoni hija pprovduta fuq il-websajt tal-ECHA;
- L-użu tiegħek huwiex kopert minn skedi ta' dejta ta' sigurtà aġġornati;
- Humiex implimentati l-miżuri għall-ġestjoni tar-riskji kif deskritti fl-iskedi ta' dejta ta' sigurtà u x-xenarji tal-espożizzjoni biex ikun żgurat l-użu sigur tas-sustanza kimika.

## GĦALIEX GĦANDEK TITĦASSEB?

Jekk il-kumpanija tiegħek tonqos li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' REACH, dan jista' jkollu impatt sinifikanti fuqek minħabba li inti tista' ma tkunx qiegħed tuża s-sustanzi kimiċi b'mod sigur. Awtoritajiet nazzjonali għall-infurzar jistgħu jieħdu azzjoni wkoll b'implikazzjonijiet potenzjali fejn jidħlu l-ispejjeż u fl-aħħar mill-aħħar jistgħu anke jagħlqulek il-linji ta' produzzjoni.

## KIF JISTGĦU IKUNU TA' BENEFIĊĊJU GĦALIK DAWN IR-REGOLI?

Billi jikkumplimentaw regoli oħra ta' saħħa u sigurtà, dawn ir-regoli jtejbu l-protezzjoni tal-ħaddiema billi jtejbu l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi, inaqqsu l-espożizzjoni għas-sustanzi kimiċi perikolużi u jevitaw il-mard fuq il-post tax-xogħol li huma jikkawżaw.

## FEJN JINSTABU AKTAR INFORMAZZJONI U SOSTENN ?

L-**ETUC** joffri paġni web REACH dedikati :
http://www.etuc.org/r/830

L-**ECHA** tipprovdi gwida, għodod tal-IT u assistenza lil kumpaniji fir-rwoli u l-obbligi tagħhom bħala reġistranti u utenti ta' sustanzi kimiċi:
http://echa.europa.eu/2013
http://echa.europa.eu/downstream

**Ħelpdesks nazzjonali REACH** joffru pariri prattiċi fil-lingwi lokali:
http://echa.europa.eu/nationalhelp/

L-**UE-OSHA** tipprovdi informazzjoni dwar kif jista' wieħed iġestixxi r-riskji tal-użu ta' sustanzi perikolużi fuq ix-xogħol:
http://osha.europa.eu/topics/ds

# REACH 2013 – Ħu azzjoni issa

© ECHA ECHA-12-L-05-MT